MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru. 67/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Paul Bond)**

**vs**

**ANDREW PAUL MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Andrew Paul Micallef iben Paul imwieled fit-12/02/1985 u joqghod 2, Salina Park Blk 1, Triq Andrew Cunningham, San Pawl Il-Bahar I.D 406897(M)

Gie akkuzat talli fl-14 ta' Dicembru 2008 ghall-habta tas-01:30hrs gewwa San Pawl Il-Bahar:

1) Bil-Hsieb li jaghmel hsara lill Ps419 A.Buttigieg persuna nkarigata minn servizz pubbliku akkuzah quddiem

awtorita kompetenti cioe ma 2nd SM45 M.Bartolo b'reat li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti
2) Bil-lejl kiser il-paci pubblika u il-bon ordni b'ghajjat u/jew glied
3) Qal kliem oxxen fil-pubbliku
4) Insulenta lill PS419 u lill Pc951 persuni inkarigati skond il-ligi bi kliem
5) Ma obdiex l-ordnijiet mghotija lilu minn Ps419 A.Buttigieg persuna nkarigata skond il-ligi
6) Tellef lill Ps419 ufficjal inkarigat skond is-servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. GM9 u nnutat li l-imputat Andrew Paul Micallef m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Gabriel Micallef ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li qeghdin jigu rtirati t-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 101(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Andrew Paul Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Andrew Paul Micallef taht

il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Andrew Paul Micallef ghall-piena ta' mitejn Ewro (€200) multa.

Nkwantu ghat-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat dawn l-akkuzi gew iritirati mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Andrew Paul Micallef b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) li jzomm il-kwiet ma' PS419 A. Buttigieg u 2nd SM 45 M. Bartolo ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Andrew Paul Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------